MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1927/1999/1

**Charles Borg**

**v.**

**Corinthia Palace Hotel Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Settembru, 1991 l-attur ippremetta illi huwa kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, u sad-29 ta' Awissu 1999 kien jokkupa l-kariga ta' Bar Supervisor; u

peress illi s-socjeta` konvenuta, b'ittra tat-23 ta' Awissu 1999, iddegradat lill-attur ghal grad ta' Food and Beverage Operative 1 (Dok. A), u b'hekk naqqsitlu l-paga b'ammont ta' aktar minn tletin lira fil-gimgha; u peress li s-socjeta` konvenuta ghamlet dan il-pass ghaliex l-attur ma accettax li jissostittwixxi l-kuntratt tax-xoghol li kellu b'kuntratt tax-xoghol (Dok. B) ipprezentat lilu b'ittra datata 10 ta' Awissu 1999 (Dok. C); u peress li l-attur kien gustifikat li jirrifjuta li jaghmel dan peress li l-kuntratt tax-xoghol propost kien (a) ibiddel il-kuntratt minn wiehed ghal zmien indefinit li l-attur kellu, ghal wiehed ta' zmien definit ta' sena (ara klawsola 1 ta' Dok. B), (b) jaghti s-setgha lis-socjeta` li tittrasferixxi lill-attur mill-post tax-xoghol tieghu fil-Mistra Village Club Hotel ghal kull post iehor tas-Socjeta`, jew operat minnha (ara klawsola 6), (c) jerga iqieghed lill-attur fi 'probationary period' ghall-sitt xhur, meta huwa kien diga' ilu fil-kariga mill-1 ta' April 1997 (Dok. D), u (d) jestendi s-sieghat tax-xoghol minn erbghin siegha fil-gimgha li l-attur ghandu ghal "minimum" ta' erbgha u erbghin siegha (ara klawsola 5); u l-attur informa lis-socjeta` b'dawn l-oggezzjonijiet b'ittra datata s-17 ta' Awissu 1999 (Dok. E); illi s-socjeta` konvenuta ma kellhiex dritt unilateralment tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur u, ghaliex l-attur gustament oggezzjona ghat-tibdil, ma kellhiex dritt tiddegrada lill-attur mill-grad ta' Bar Supervisor ghal dik ta' Food and Beverage Operative 1, u tnaqqas il-paga tal-attur b'aktar minn £30 fil-gimgha, u b'hekk tilledi d-drittijiet tieghu u tarrekalu dannu konsiderevoli; dan kollu premess, l-attur talab li dik il-Qorti:-

(a) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex dritt tiddegrada fit-30 ta' Awissu 1999 lill-attur mill-grad ta' Bar Supervisor ghall-grad ta' Food and Beverage Operative 1, ghaliex huwa ma kienx accetta t-tibdil unilaterali fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol tieghu li kienu jirrizultaw mill-abbozz tal-kuntratt moghti lill-attur mis-socjeta` bl-ittra tal-10 ta' Awissu 1999;

(b) tiddikjara, kwindi, li bl-imsemmi pass mehud mis-socjeta` konvenuta, hija agixxiet illegalment bi ksur tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur fil-kariga tieghu ta' Bar Supervisor, u li konsegwentement is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li l-attur garrab u qed igarrab

b'effett tal-pass imsemmi, konsistenti f'telf tad-differenza fil-paga ta' Bar Supervisor u Food and Beverage Operative 1 u ta' beneficcji ohra tal-kariga ta' Bar Supervisor;
(c) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirreintegra lill-attur fil-kariga ta' Bar Supervisor bil-kundizjonijiet tieghu tax-xoghol ezistenti fid-29 ta' Awissu 1999;
(d) tillikwida l-imsemmija danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmija decizjoni tas-socjeta` konvenuta, mit-30 ta' Awissu 1999 sal-gurnata li fiha s-socjeta` konvenuta tirreintegra lill-attur fil-grad ta' Bar Supervisor bil-kundizjonijiet tieghu tax-xoghol imsemmija; u
(e) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-gurnata tal-pagament effettiv;
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu 1999, kontra s-Socjeta` konvenuta, li l-ufficjali taghha kienu ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fil-21 ta' Jannar 2000 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjes, stante li bl-ebda mod ma hu minnu li l-attur gie imnaqqas fil-grad tal-impieg tieghu, u lanqas ma kien hemm xi tibdil unilaterali fl-impieg tieghu, kif allegat mill-attur.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, s-socjeta` konvenuta assolutament ma kkawzat xi danni lill-attur, u ghalhekk bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-istess.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi b'sentenza tal-28 ta' Jannar, 2002, wara li laqghat l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur u dana wara li qalet is-segwenti:-
"F'din il-kawza l-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex dritt tiddegrada lill-attur

mill-grad ta’ Bar Supervisor ghall-grad ta’ Food and Beverage Operative, ghaliex huwa ma kienx accetta t-tibdil unilaterali fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol tieghu li kienu jirrizultaw mill-abbozz tal-kuntratt moghti lill-attur mis-socjeta` bl-ittra tal-10 ta’ Awissu 1999.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien jahdem bhala *barman* u l-konvenuti offrewlu *promotion* ghal *head barman.* Fil-kumpanija dan il-grad kien wiehed ta’ Management Grade C u f’dak il-grad bil-fors irid isir kuntratt bil-miktub. Il-konvenuti tawh dina l-*promotion de facto* lill-attur u talbuh biex jiffirma l-kuntratt izda l-attur oggezzjona ghal diversi klawsoli mill-kuntratt u wara li l-konvenuti tawh terminu li fih kellu jiffirma l-kuntratt dana baqa’ ma ffirmahx ghalhekk il-konvenuti irtiraw il-*promotion* li huma kienu offrew u taw lill-attur.

“Minn dawn il-provi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuti ma kienux iddegradaw lill-attur fil-kariga li hu kien jokkupa izda kien l-attur li m’accettax il-*promotion* li l-konvenuti offrewlu u tawh. Hu kien rega’ tpogga fil-posizzjoni li kien qabel ma offrewlu l-*promotion.*

“L-attur issottometta li fid-*draft contract* li l-konvenuti tawh biex jiffirma kien hemm klawsoli li hu kien qed joggezzjona ghalihom. Dawn kienu li hu kien ser jinghata *definite contract* meta qabel kellu *indefinite contract.* Imbaghad kien hemm il-kwistjoni tat-*transferability* ta’ l-impjegat u l-kwistjoni tal-*extra hours.*

“Dwar dawn l-oggezzjonijiet din il-Qorti tirrileva li l-attur inghata offerta li hu setgha jaccetta jew ma jaccettax izda ma setghax jaccetta l-*promotion* u mhux il-kondizzjonijiet li jmorru maghha. Hekk per ezempju fil-grad il-gdid hu kellu jaghmel minimu ta’ 44 siegha (ara fol. 64) ghalhekk ma setghax jippretendi li jibqa' jaghmel kemm kien jaghmel qabel, ghax il-paga l-gdida kienet qed tiehu hsieb ghal dan. Il-konvenuti gabu prova inoltre li fil-perjodu nkwistjoni l-attur baqa’ jiehu sieghat zejda kontra dak li kienu qed jaghmlu shabu (ara fol. 11 u 35).

"Kwantu ghall kwistjoni tad-*definite contract* il-konvenuti xehedu li l-attur kien ilu maghhom hafna snin u dik il-klawsola ma kienitx ser treggi. Pero` huma ma kienux tawh *redrafted contract* bil-klawsola ta' *indefinite period* billi l-attur baqa' joggezzjona ghaz-zewg klawsoli ohra, cioe` dawk tat-*transferability* ta' impjegati u sieghat *extra.*

Mid-dokumenti li gew ezebiti (ara fol. 68 et seq) jidher li issa l-attur beda jiccaqlaq mill-posizzjoni tieghu, izda dan kien fis-sena 2001 cioe` wara li saret il-kawza u wara li l-attur kien inghata t-terminu biex jiffirma l-kuntratt.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li s-socjeta` konvenuta ma ddegradatx lill-attur mill-grad ta' Bar Supervisor ghall-grad ta' Food and Beverage Operative u l-attur ma giex imnaqqas fil-grad ta' l-impieg tieghu, u lanqas ma kien hemm xi tibdil unilaterali fl-impieg tieghu, konsegwentement it-talbiet ta' l-attur ma jistghux jigu milqugha."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors pprezentata fil-15 ta' Frar, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u milqugha t-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat risposta fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2004 fejn gie sottomess li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk, u anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjes kontra l-attur appellant.

Mis-sottomissjonijiet fir-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju tal-attur appellant jiskaturixxi mill-fatt li l-ewwel qorti ghamlet, skond hu, apprezzament hazin tal-provi prodotti u konsegwentment dik il-Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li:

“Minn dawn il-provi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuti ma kienux iddegradaw lill-attur fil-kariga li hu kien jokkupa izda kien l-attur li m’accettax il-*promotion* li l-konvenuti offrewlu u tawh. Hu kien rega’ tpogga fil-posizzjoni li kien qabel ma offrewlu l-*promotion.*

Infatti din l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti tikkonferma l-posizzjoni li hadet is-socjeta` konvenuta meta fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eccezzjonijiet jinghad espressament “*Illi meta dawn in-negozjati ma’ waslu mkien, u l–attur baqa’ ma ffirmax il-kuntratt offrut lilu, is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tordna lill-attur jirrezumi d-doveri ordinarji tieghu fil-grad ta’ “Food and Beverage Operative 1”*

Din il-Qorti, izda, wara li ezaminat il-provi, ma tikkondividix il-konkluzzjoni raggunat mill-Ewwel Qorti. Infatti l-provi dokumentari juru bic-car li f’Settembru 1997 l-attur, li sa dak inhar kien jokkupa l-posizzjoni ta’ Barman fil-lukanda Mistra Village, kien gie elevat ghall-posizzjoni ta’ Bar Supervisor b’zieda fil-paga ghall-LM100 fil-gimgha b’effett retroattiv sa mill-1 ta’ April tal-istess sena[1]. Bl-ittra tad-9 ta’ Settembru, 1997 l-attur kien qed jigi “kongratulat” mill-Food & Beverage Manager ghall-kariga gdida ta’ “Bar Supervisor” u inoltre intqal lilu li “*you are now fully responsible for the Bar Area’s, control of Beverage, exceeding Budgets and cut down on Beverage Cost.*” Jinghad li meta nghatat din il-kariga lill-attur ma jissemma’ xejn fl-ittra tal-Food & Beverage Manager dwar il-htiega ta’ l-iffirmar ta’ kuntratt gdid.

Is-socjeta` konvenuta ssostni li hija l-policy taghha li l-kariga li kienet giet “offruta” lill-attur kienet tirrikjedi kuntratt inkwant tali kariga kienet tpoggi lill-impjegat f’posizzjoni ta’ “management”. Infatti x-xhud Nicholas Borg, prodott mis-socjeta` konvenuta, li kien ha “over” minn ghand Hans Cauchi l-kariga ta’ General Manager tal-Corinthia Mistra Village, ighid espressament li “*Hi*

[1] Ara Dok. D a fol. 12 tal-process. Ittra ta’ Walter Bugeja – Food and Beverage Manager kupjata lil General Manager tas-socjeta` u lil Human Resources Manager for the Malta Hotels.

*policy tal-kumpanija li kull executive irid ikollu kuntratt bil-miktub. Ili nahdem mal-kumpanija wiehed u ghoxrin sena u l-policy dejjem nafha hekk*[2]*".* B'dana kollu meta fit-2 ta' Frar 1996 dan Hans Cauchi ghan-nom tal-Corinthia Mistra Village kiteb lill-attur "*to congratulate you on your new position as Head Barman*[3]" xorta ma ssemma' xejn dwar "kuntratt" ta' impieg gdid; u l-unika rikjesta li ghamel il-General Manager kienet fis-sens li: "I would like to have a further meeting with you sometime this week regarding your responsibilities and duties and also your job description." F'din l-okkazzjoni pero` l-istess General Manager jkompli hekk "but this should not worry you, as you have been doing the job for the last couple of months."

Ghalhekk jidher li kien gustifikat l-attur li jissorprendi ruhu bl-ittra ta' Nicolas Borg tat-23 ta' Awissu, 1999 meta gie infurmat li l-posizzjoni tieghu kienet qed tirriverti ghal dik ta' Food & Beverage Operative 1 billi kien qed jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt moghti lilu. Dan qed jinghad ghaliex, ghalkemm is-socjeta` konvenuta qedha tinsisti li kellu jigi ffirmat kuntratt ghall-kariga ta' Head Barman jew Bar Supervisor - liema distinzjoni din il-Qorti tikkonfess li ma sabitx in atti - qabel ma inghatat din il-hatra lill-attur huwa ma kienx mitlub jiffirma ebda kuntratt u fi kwalunkwe kaz l-abbozz tal-kuntratt li gie offrut kien jikkontjeni certa kondizzjonijiet godda li kienu jbidlu radikalment il-posizzjoni ta' l-attur b'mod li jiddisturbaw is-serhan tal-mohh li huwa kellu mill-kondizzjonijiet ta' impieg li kien qed jgawdi sa dak inhar.

Jinghad mis-socjeta` konvenuta li certa kondizzjonijiet ta' impieg li kienu jirrizultaw fl-abbozz tal-kuntratt ma kienux japplikaw ghall-attur u setghu jitnehhew. Ghalkem dan setgha kien minnu, xorta jirrizulta li ghalkemm kien hemm, skond is-socjeta` konvenuta, diversi inkontri mal-attur, huwa qatt ma gie pprezentat b'abbozz iehor, anzi l-insistenza, da parti tas-socjeta` konvenuta, kienet li l-attur jiffirma dak l-abbozz li gie prezentat lilu u li kopja tieghu tinsab a fol 8 *et sequitur* tal-process. Infatti fl-ittra ta'

[2] Xiehda ta' Nicolas Borg fol. 62 tal-process.
[3] Fol. 39 tal-process.

Nicholas Borg tat-28 ta' Lulju, 1999 indirizzata lill-attur jinghad espressament li "*inti infurmat illi jekk sa nhar it-Tnejn 2 ta' Awissu, 1999 ma tbiddilx il-hsieb tieghek u tiffirma l-kuntratt il-**Management** ma jibqalux triq ohra hlief li jpoggik fil-grad ta' **Food & Beverage Operative 1** bil-paga relatata ma' dan il-grad*[4]*.*" .

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehema li l-aggravju mresssaq mill-attur appellant huwa gustifikat u li konsegwentement l-ewwel talba tieghu kellha tigi milqugha. Daqstant kienet gustifikata it-tieni talba tieghu billi din hija konsegwenza naturali tal-akkoljiment ta' l-ewwel talba.

Illi in vista ta' dak li inghad hawn fuq din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tilqa' t-tielet talba kif proposta billi gialadarba ser tigi milqugha l-ewwel talba tal-attur isegwi li huwa ghadu jokkupa l-kariga ta' Bar Supervisor bil-kondizzjonijiet ta' xoghol li huwa kien igawdi qabel ma s-socjeta` konvenuta ddecidiet li tibda thallsu bhallikieku kien Food & Beverage Operative 1.

Dan premess din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ma tistax tghaddi ghal-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna tal-hlas tad-danni reklamati mill-attur billi fil-process ma hemmx provi sufficjenti biex dan isir u ghalhekk sejra tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tiehu konjizzjoni tar-raba' u hames talbiet attrici u tipprovdi dwarhom konformement ma dak li jinghad hawn fuq billi l-attur jinghata l-beneficcji kollha li huwa kien igawdi fil-kariga tieghu ta' Bar Supervisor konsistenti fid-differenza tas-salarju bejn dak li din il-posizzjoni t'attira u dak imhallsa lilu bhala Food & Beverage Operative 1, b'effett mil-24 ta' Awissu, 1999 sal-lum.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghdha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tipprovdi fuq ir-rikors ta' l-

[4] Ara fol. 36 tal-process.

appell tal-attur billi, fl-ewwel lok, tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici; tipprovdi dwar it-tielet talba attrici billi semplicement tiddikjara li l-attur kien u ghadu jokkupa l-kariga ta' Bar Supervisor bil-kundizzjonijiet tieghu tax-xoghol ezistenti fid-29 ta' Awissu, 1999; u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tikkunsidra u tiddecidi dwar ir-raba' u hames talbiet attrici b'dana li d-danni reklamati ghandhom jigu komputati b'effett mit-30 ta' Awissu, 1999. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------